2 ta' Ottubru, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Nobbli Vincenzo de' Marchesi Testaferrata De' Noto

*versus*

Alfredo Cachia Zammit ne.

**Primoġenitura Fondata min-Nobbli Kanoniku Saċerdot Don Giuseppe Giacomo Testaferrata — Interpretazzjoni — Proċedura — Libell — Konkors.**

*Meta f'kawża dwar primoġenitura ma tiġix segwita l-proċedura speċjali kontemplata mill-liġi f'tema ta' konkors fuq il-primoġenitura, imma l-proċedura ġenerali, il-Qorti, jekk tasal għall-konklużjoni li l-libellant jirriesti r-rekwiżiti meħtieġa biex jintitolawh għall-primoġenitura in kwistjoni, għandha tara anki jekk huwiex hekk intitolat ad esklużjoni ta' ħadd ieħor (jekk ikun hemm il-kontradittur leġittimu u t-termini tad-domanda jkunu jippermettu), sabiex tagħmel id-dikjarazzjoni illi l-primoġenitura tmiss lilu; imma jekk il-Qorti ssib li huwa ma huwiex intitolat għall-primoġeitura, allura għandha tieqaf hemm, bla ma tippronunzja ruħha dwar min*

*hu intitolat għall-primoġenitura. Għax kull deċiżjoni simili tkun tohroġ barra mit-termini proċesswali.*

*Mill-kliem tal-fondazzjoni tal-primoġenitura mwaqqfa min-Nobbli Kanoniku Saċerdot Don Giuseppe Giacomo Testaferrata, jidher ċar illi dik il-primoġenitura hija maskolina u anjatika; maskolina għax hemm imsejħin il-maski biss; anjatika, għaliex huma msejħa l-maski minn maski, fil-waqt illi l-maski konjati huma msejħa biss wara li tkun estinta d-dixxendenza maskolina anjatika msemmija fl-istess fondazzjoni.*

*Il-volontà tal-fundatur tipprevali għar-regola fissa u immutabili, f'materja ta' primoġenituri veri u regolari, illi s-suċċessjoni primoġenjali għandha tkun diretta l-ewwel mill-linja, imbagħad mill-grad, wara mis-sess, u fl-aħħar mill-età.*

*U la darba din il-primoġenitura hija maskolina u anjatika, u mhux maskolina biss, hemm bżonn illi s-suċċessuri jkunu maski anjatiċi, b'mod li l-maski minn femmina huma esklużi sakemm ma tkunx estinta d-dixxendenza maskolina anjatika kollha tal-persuna designata mill-fundatur.*

*Fil-każ preżenti, ġie ritenut li l-attur ma setax jippretendi li jissuċċiedi għal dina l-primoġenitura, għaliex huwa dixxendenti "ex foemina", fil-waqt li għadhom jeżistu maski anjati dixxendenti mhux mill-primoġenitu, iżda minn ultraġeniti, ta' dik il-persuna.*

Il-Qorti — Rat il-libell tan-Nobbli Vincenzo De' Marchesi Testaferrata De' Noto, li fih espona illi n-Nobbli Kanoniku Saċerdot Don Giuseppe Giacomo Testaferrata, b'testment solenni tiegħu tal-14 ta' Marzu 1799, miftuħ minn għand in-Nutar Dottor Cristoforo Frendo fil-15 ta' Ottubru 1804 (dok. A), iffonda 'maggiorasco' u rispettiva primoġenitura perpetwa, u assoġġetta għaliha l-beni tiegħu kollha liberi, minnu fl-istess testment imsemmijin (paġini 19 sa 27 tal-kopja), dawk li messewh fl-att tad-diviżjoni magħmul bejnu u bejn ħuh il-Baruni Mario Testaferrata fl-atti Cristoforo Frendo tat-13 ta' Frar 1794, kif ukoll il-beni kollha li jinsabu fit-territorju tal-belt ta' Messina, fil-kuntrada tal-"Masse di Santa Lucia", illi huwa kien jippossjedi b'kuntratt riċevut minn l-istess Nutar Cristoforo Frendo fit-13 ta' Diċembru 1794, kif ukoll il-beni l-oħra li ħallielu l-imsemmi Baruni Mario Testaferrata fit-testment solenni tiegħu b'kompensazzjoni, li magħhom żied il-"Palazzo delli Mar-

nisi'' bil-ġonna u bir-raba' tiegħu, barra minn beni oħra li jirriżultaw matul din il-kawża; illi wara l-*mewt ta'* l-użufruttwarji kollha fuq indikati ġew eretti f'maġġjorask u primoġenitura maskolina favur il-pronipoti maskji anjati u d-*dixxendenti* tagħhom leġittimi u naturali għal dejjem, u l-fundatur sejjaħ bħala l-ewwel stipite lil dak il-pronipoti *tiegħu maskjo* u anjat leġittimu u naturali li, fost il-proneputijiet kollha bħalu, ikun twieled l-ewwel; illi meta tispiċċa d-*dixxendenza* anjatizja ta' l-imsemmi l-ewwel stipite l-fundatur sejjaħ il-maskji kollha, jekk ikun hemm, dixxendenti b'linea *retta* mill-imsemmi Baruni Mario ħuh; illi, kif jirriżulta mill-arblu ġenealoġiku anness ma' dina l-proċedura, l-ewwel vokat li gawda *din* il-primoġenitura kien Mario Filippo Testaferrata Viani, u wara mewtu hija għaddiet għand ibnu l-kbir *Lorenzo Testaferrata* Viani, li miet ''sine prole'' fl-4 ta' Ġunju 1939 (dok. C);

Illi l-linja anjatizja maskolina *ta' Lorenzo* ġiet hekk estinta, u l-primoġenitura ''Delli Marnisi'' baqgħet u hi vakanti, u tinsab il-lum amministrata mill-*intimand* Alfredo Cachia Zammit, illi, debitament interpellat b'ittra uffiċjali tas-17 ta' Diċembru 1945, irrisponda verbalment illi *huwa* kien qiegħed jistenna l-provi ġudizzjarji ta' min huwa ntitolat jissuċċiedi filpussess tad-dote primoġenjali u *maġġjoreska* ''Delli Marnisi'', u li jirrilaxxja in segwitu *ta'* dawn il-provi, billi tagħha kien ġie nominat amministratur mill-aħħar possessur;

Illi l-esponent huwa l-konsangwineu prossimiore għall-aħħar possessur, u għaldaqstant *għandu jiġi preferit* għal kwalunkwe konsangwineu ieħor, billi huwa dixxendenti dirett mill-Markiż Giuseppe Testaferrata, li *kien* il-*primoġenito* tal-Baruni Mario Testaferrata, kif jirriżulta mill-arblu tar-razza hawn inkluż (dok. B) u mill-fidi *tal-magħmudija* (dok D); illi millistess arblu wieħed jista' jara li l-Markiż James Cassar Desain qiegħed fl-istess grad ta' *konsangwineità* bħall-esponent, però huwa dixxendenti mit-terzoġenito tal-Baruni Mario Testaferrata, fil-waqt li l-esponent *huwa* dixxendenti mill-primoġenito ta' l-istess Baruni; u billi din hja fondazzjoini primoġenjali, huwa evidenti li l-*primoġenitura* issa għandha tagħmel ingress appuntu fil-linja tal-primoġenito jew tal-maġġjornato;

Illi anki kieku l-esponent *ma* kellux dina l-prerogativa, l-imsemmi konsangwineu ieħor Markiż James Cassar Desain la

jista', u lanqas għandu ebda dritt, jirreklama jew jippossjedi l-primoġenitura "Delli Marnisi";

Illi infatti ġie deċiż b'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re, fil-kawża fl-ismijiet Nobbli Giorgio Cassar Desain vs. Markiż James Cassar Desain Viani et.", tal-25 ta' Ġunju 1945, illi l-konvenut f'dik il-kawża ma jistax, u ma għandux dritt, iġib l-ebda kunjom ieħor ħlief dak ta' Cassar Desain biss, taħt piena li jaqa' mill-godiment tal-primoġenitura fondata min-Nobbli Kjeriku Dottor Gio Batta Cassar fit-testment tiegħu miftuħ u pubblikat fit-2 ta' April 1781 fl-atti tan-Nutar Paolo Vittorio Giammalva, li huwa qiegħed il-lum igawdi;

Illi fit-testment fuq imsemmi fl-atti Cristoforo Frendo tal-14 ta' Marzu 1799, li fih ġiet fondata l-primoġenitura "Delli Marnisi", u preċiżament fl-artikolu 10, huwa dispost illi "il cognome di Testaferrata........... si deve intendere apposto in ogni discendenza, sotto pena al trasgressore di perdere la primogenitura, che passerà al di lui immediato successore; concedo bensì al trasgressore il termine di mesi due per purgare la sua contumacia, da decorrere dal giorno che dal suo........... sarà stato interpellato col giudicio di caducità e non altrimenti";

Illi kontra s-sentenza fuq imsemmija l-Markiż Cassar Desain ma appellax quddiem il-Privy Council; u għaldaqstant mhux biss hija tifforma ġudikat, imma jirriżulta wkoll li huwa neħħa l-kunjom "Viani" fiż-żmien ta' xahar lilu konċess mill-Onorabbli Qorti;

Illi mill-komminazzjoni univoka tas-sentenza fuq imsemmija jirriżulta li l-ebda kunjom ieħor ma jista' jiżdied ma' dak ta' Cassar Desain mill-attwali possessur tal-primoġenitura fondata min-Nobbli Kjeriku Dottor Gio Batta Cassar fl-atti Giammalva tat-2 ta' April 1781, u għalhekk lanqas dak ta' Testaferrata; u billi l-possessur tal-primoġenitura "Delli Marnisi" għandu l-obbligu espress (artikolu 10 tat-testment-fondazzjoni) li jġib dejjem il-kunjom "Testaferrata" taħt piena ta' dekadenza mill-primoġenitura, l-imsemmi Markiż Cassar Desain ma għandu ebda dritt jippretendi jew jeżiġi dina l-primoġenitura, la darba ma jistax josserva l-kondizzjonijiet tassativament imposti mill-fundatur;

Illi l-ebda konsangwineu iehor ta' l-aħħar possessur ma għandu l-kwalitajiet u r-rekwiżiti li jinsabu fl-esponent, billi huwa manifest minn l-istess fondazzjoni illi l-linea diretta dixxendentali għandha tiġi preferita, u li anki jekk il-"primo stipite" imsejjaħ mill-fundatur ma kienx iben il-primoġenito ta' ħuh Mario, però l-lum li l-linja diretta dixxendentali ta' l-istess "primo stipite" tinsab estinta, hija interpretazzjoni eżatta tal-klawsoli fondamentali ta' dina l-primoġenitura li l-linja rigorożament primoġenjali għandha tieħu s-sopravvent malli l-linja direttament kjamata mill-fundatur tiġi estinta;

Illi l-esponent, imwieled fit-28 ta' Jannar 1923 (dok. A), huwa l-akbar tifel fost ulied Federico de' Marchesi Testaferrata De' Noto, li miet fis-26 ta' Mejju 1935 (dok. E). Dan kien it-tifel primoġenitu ta' Nicolò dei Marchesi Testaferrata de' Noto, illi huwa l-primoġenito ta' Federico Testaferrata de' Noto, li huwa t-tifel il-kbir ta' Donna Vincenza De' Baroni Testaferrata Viani, maġġjornata fost ulied il-Markiż Giuseppe Testaferrata Viani. Dana kien preċiżament il-primoġenitu tal-Markiż Mario Testaferrata ħu l-fundatur;

U talab :—

1. Li jiġi ordnat lill-intimand Alfredo Cachia Zammit biex jagħti kont ġust u fidil ta' l-amministrazzjoni tal-beni kollha li jiffurmaw id-dote tal-primoġeniture "Delli Marnisi", minnu miżmuma mill-mewt ta' l-aħħar possessur, in-Nobbli Lorenzo Testaferrata Viani, ċjoè mill-4 ta' Ġunju 1939, jew minn kwalunkwe data oħra kif jirriżulta, billi jiġi wkoll kundannat iħallas u jirrestitwixxi lill-esponent il-kumulu ta' flus li jirriżulta minn dina l-amministrazzjoni;

2. Li jiġi ordnat lill-istess intimand Alfredo Cachia Zammit biex jirrilaxxja favur l-esponenti l-imsemmija primoġenitura "Delli Marnisi" bil-beni kollha li lilha jappartjenu, bil-frutti u renti li daħħal, jew li bil-ħila ta' "buon padre di famiglia" l-istess intimand imissu daħħal mill-istess amministrazzjoni primoġenjali; u dan previja d-dikjarazzjoni illi l-esponent huwa skond il-kondizzjonijiet tal-fondazzjoni fuq imsemmija, u bħala l-konsangwineu "promissiore", sew ma' l-aħħar possessur sew mal-fondatur stess, l-unika persuna leġittimament u legalment intitolata għall-pussess tad-dote tal-primoġenitura "Delli Marnisi" in konsegwenza tal-mewt ta' l-aħħar possessur;

3. U li l-istess intimand Cachia Zammit jiġi kundannat jirrendi l-kont ta' l-amministrazzjoni, kif ukoll jirrilaxxja l-istess primoġenitura favur l-esponenti fi żmien perentorju li din il-Qorti jogħġobha tiffissa jew, f'każ divers, jekk l-intimand Cachia Zammit ma jagħmelx dan, li in forza ta' l-istess sentenza jiġi l-esponent immess "ope sententiae" fl-istess pussess fuq speċifikat;

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni għall-intimandi proprio et nomine biex jidhru personalment għas-subizzjoni;

*Omissis;*

U kkunsidrat;

Illi huwa ta' min josserva, l-ewwelnett, illi l-proċedura skritta segwita f'din il-kawża ma hijiex dik speċjali kontemplata fl-art. 429 et seq. Kodiċi Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15, f'tema ta' konkors fuq primoġenituri, imma dik ġenerali ta' l-art. 122 et seq. ta' l-istess Kodiċi. Difatti l-intimati bil-libell ippreżentaw tweġiba, ossija risposta, biss, skond l-art. 132, u mhux l-iskrittura msejħa "Tweġiba u kontro libell" imsemmija fit-tieni subartikolu ta' l-art. 430. Anqas hemm xi libell ieħor, minbarra dak ta' l-attur, kif seta' jkun hemm skond l-art. 434. Minbarra dan, il-libellant ippreżenta replika-skrittura li hi kontemplata fl-art. 136, imma eskluża espressament fl-art. 433;

Illi ċ-ċirkustanza fuq imsemmija ġġib din il-konsegwenza. Il-Qorti, jekk tasal għall-konklużjoni illi l-libellant jirrivesti r-rekwiżiti meħtieġa biex jintitolawh għall-primoġenitura in kwistjoni, għandha tara anki (kwante volte hemm kontradittur leġittimu u t-termini tad-domanda jippermettu) jekk hu hux hekk intitolat ad esklużjoni ta' ħadd ieħor, sabiex tista' tagħmel id-dikjarazzjoni mitluba fit-tieni parti tat-tieni domanda kontenuta fil-libell. Imma jekk il-Qorti ssib illi l-libellant ma hux intitolat għall-primoġenitura, allura għandha tieqaf hemm, bla ma tippronunzja ruħha dwar min hu ntitolat għall-primoġenitura, għaliex kull deċiżjoni simili tkun toħroġ barra mit-termini proċesswali. Infatti qalu tajjeb il-konvenuti illi l-azzjoni ntavolata mill-libellant hija pjuttost dik "rei vindicatoria" fis-sens spjegat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell "Desain utrinque", 25 ta' Ġunju 1845;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-inkartament irriżulta li n-Nobbli Kanoniku Saċerdot Don Giuseppe Giacomo Testaferrata, b'testment solenni tiegħu tal-14 ta' Marzu 1799, miftuħ minn għand in-Nutar Dottor Cristoforo Frendo fil-15 ta' Ottubru 1804 (kopja fol. 9), wara li ħalla lil ħuh, Mario Testaferrata, u lil ulied dan ħuh, l-użufrutt imsemmi fit-testment, għadda biex igħid hekk :—"Morti poi che saranno tutti i figli maschi e femmine del predetto Mario mio fratello, voglio che tutti i miei beni stabili, quanto quelli posti in queste due Isole di Malta e Gozo, quanto ancora quelli posti nella Città di Messina, compresi pure quelli lasciatimi per legato compensativo dallo stesso mio fratello, delli quali tutti ho disposto finora con fedecommesso dividuo, siano tutti eretti conforme l'ereggio in primogenitura mascolina a favore dei miei pronipoti maschi agnati, e loro discendenti legittimi e naturali all'infinito, costituendo per primo stipite il mio pronipote maschio agnato, legittimo e naturale, che fra tutti i pronipoti simili sarà il maggior nato, al quale dovrà pervenire la detta primogenitura, e dopo la sua morte alli suoi figli e discendenti legittimi e naturali, maschi agnati da primogenito in primogenito, con una primogenitura "juris", nella quale dovrà sempre prevalere la prerogativa della linea, in guisa che, premorendo il primogenito in vita del possessore, subentrerà la sua linea preferibilmente a tutti li suoi fratelli ed alla costoro linea, volendo questa norma impreteribilmente in ogni caso a futuro tempo. Mancando poi la linea agnatizia del primogenito, vada la detta primogenitura al secondogenito e suoi figli e discendenti legittimi e naturali, maschi da maschio, da primogenito in primogenito, e così di mano in mano, da terzo in quarto, quinto, all'infinito. Venendo poi ad estinguersi tutta la discendenza agnatizia del predetto primo stipite da me come sopra costituito, allora in tal caso costituisco e chiamo tutti i maschi da maschio, se vi saranno, discendenti per linea retta del predetto Mario mio fratello, dovendo sempre nel nuovo ingresso della primogenitura essere preferito colui che tra i maschi si troverà il maggior nato, nella cui discendenza passerà la primogenitura giusta la norma di sopra data; e così si osserverà sino che durerà la discendenza mascolina agnatizia di esso Mario mio fratello, che voglio in perpetuo chiamata. Estinta poi tutta la discendenza mascolina agna-

tizia del predetto Mario mio fratello, la detta primogenitura perverrà al maschio cognato da una delle femmina di esso primo stipite da me come sopra costituito, che avrà per sè la prerogativa della linea di sostanza, e dopo la di lui morte alli suoi figli maschi legittimi e naturali, da primogenito in primogenito, con lo stesso ordine di sopra prescritto nei maschi agnati......";

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet jaqblu illi l-arblu ġenealoġiku dok. B. fol. 41, huwa korrett. Jaqblu wkoll illi l-ewwel possessur tal-primoġenitura kontroversa kien Mario Filippo Testaferrata, it-tifel il-kbir tas-sekondoġenito ta' Mario Testaferrata, ħu l-fondatur, u li l-possessur ta' warajh kien Lorenzo Testaferrata, iben Mario. Dan Lorenzo miet "sine prole", u l-primoġenitura baqgħet vakanti;

Illi ma hux lanqas kontrastat illi l-attur jiddixxendi mill-linja primoġenjali ta' Giuseppe Testaferrata, primoġenitu ta' ħu l-fondatur, imma jiddixendi "minn femmina", ċjoè minn Vincenza Testaferrata Viani, u għalhekk il-konvenuti jsostnu illi l-attur hu eskluż minħabba t-"tabe" tal-femminilità, mentri l-primoġenitura hija maskolina u anjatika;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur fil-verbal fol. 67 qabel illi din il-primoġenitura hija maskolina u anjatika, għalkemm aktar tard, fin-nota fol. 78, ikkwalifika din id-dikjarazzjoni;

Illi mit-termini tal-fondazzjoni hu ċar illi l-primoġenitura "de qua" hija verament maskolina u anjatika; maskolina, għaliex hemm imsejħin il-maski biss; anjatika, għaliex hemm imsejħin il-maski minn maski, minn missier għal iben, u l-fundatur għadda biex jagħmel dispożizzjonijiet oħra u jsejjaħ il-maski konjati, biss wara li tkun estinta d-dixxendenza maskolina anjatizja ta' ħuh Mario;

Illi nfatti t-testatur beda biex jereġġi primoġenitura minnu espressament imsejħa "maskolina" u a favur tal-pronipoti maski anjati. Il-"primo stipite" kellu jkun il-proneputi "maschio agnato" li jkun l-akbar wieħed; wara mewtu, il-primoġenitura kellha tgħaddi lid-dixxendenti tiegħu "maschi agnati" minn primoġenitu għal primoġenitu, b'mod li, f'każ ta' mewt tal-primoġenitu, il-linja tiegħu tkun prediletta u tirbaħ fill-aħwa tal-primoġenitu; kellu jkun hemm l-ingress fil-linja se-

kondoġenita, jew terzogenita, ecc., skond il-każ, fl-ipotesi biss illi tonqos il-linja anjatizja tal-primogenito, jew secondogenito, ecc., skond il-każ. Meta mbagħad tispiċċa d-dixxendenza anjatizja tal-"primo stipite" (kif naqset bil-mewt ta' Lorenzo Testaferrata bla tfal), jissuċċiedu "i maschi da maschi" li jiddixxendu b'linja retta minn Mario ħuh (li kellu tlitt itfal li hemm fl-arblu, Giuseppe, Lorenzo u Filippo), bi preferenza, f'dan l-ingress ġdid tal-primoġenitu—regola li t-testatur inkulka l-osservanza tagħha "sino che durerà la discendenza mascolina agnatizia di esso Mario mio fratello, che voglio in perpetuo chiamata". Il-maski "cognati" ġew imbagħad imsejħa, imma biss wara li tkun estinta "tutta la discendenza mascolina agnatizia del predetto Mario mio fratello";

Illi wara kliem hekk ċar appena hemm bżonn illi wieħed jirrikorri għal argumenti oħra biex jillustra l-karattru tal-primoġenitura, bħalma huma ċ-ċirkustanza illi fit-tielet kondizzjoni, fil-fol. 28 tergo, ġew esklużi l-qassisin u r-reliġjużi, indizju ta' l-anjazzjoni skond il-massima tal-Fusario "De Fideicommissaria Substitutione", Quaestio 499, n. 26, "quando exclusi sunt clerici et religionem ingressi, hoc casu diceretur habita ratio agnationis"; iċ-ċirkustanza l-oħra ta' l-impożizzjoni tal-kunjom Testaferrata fil-kondizzjoni numru 10, fol. 32 tergo, ġudikata mill-istess awtur (op. ċit. Quaest. 499, n. 13) "pro conservanda agnatione"; u ċ-ċirkustanza illi t-testatur, anki fid-dispożizzjonijiet sussidjarji għall-eventwalità tan-nuqqas tad-dixxendenza maskolina anjatizja, baqa' dejjem juri l-preferenza għall-maskolinità;

Illi għalhekk l-erettur ta' din il-primoġenitura ma riedx isegwi l-prinċipji ta' primoġenitura "juris", imma ried jimprimilha l-karattru tal-maskolinità u ta' l-anjazzjoni. Għalkemm fil-primoġenituri veri u regolari, skond il-kunsens unanimi taddutturi in materja, waħda mir-regoli fissi u immutabili, ridotta f'liġi pożitiva fil-Kodiċi De Rohan, para. 10, Lib. 4, Capo 2ndo., hija illi s-suċċessjoni primoġenjali għandha tkun diretta l-ewwel mill-linja, imbagħad mill-grad, wara mis-sess, u fl-aħħar mill-età, eppure din ir-regola ma tapplikax aktar meta tkun tirreżisti kontra tagħha l-volontà kuntrarja tal-fundatur; u għalhekk, jgħid it-Torre "De Primogenituris", Gratian ed

altri, "in primogeniturìs et majoratibus quis apponere potest legem quam vult";

**Ikkunsidrat;**

Illi, trattandosi ta' primoġenitura maskolina u anjatika, u mhux maskolina biss, hemm bżonn illi s-suċċessur ikun maskju anjatiku, u mhux maskju minn femmina. Kieku kienet sempliċement maskolina, allura kienu jissuċċiedu l-maski konjati, anki apparti l-vokazzjoni sussidjarja fil-fundazzjoni;

Illi għalhekk, peress li f'dan il-każ hemm il-kwalità dupliċi tal-maskolinità u ta' l-anjazzjoni, hemm b'daqshekk l-esklużjoni tal-maski minn femmina (ara Appell "Giappone vs. Rutter", 16 ta' Frar 1923, Vol. XXV—I—351). Dawn il-maski konjati jistgħu jissuċċiedu biss jekk u meta tammettihom il-fundazzjoni;

Illi dwar daqshekk it-testment tal-fundatur jitkellem ċar, u wara li qal "........... e si osserverà sino che durerà la discendenza mascolina agnatizia di esso Mario mio fratello, che voglio in perpetuo chiamato...........", kompla jgħid: "Estinta poi tutta la discendenza mascolina agnatizia del predetto Mario mio fratello, la detta primogenitura perverrà al maschio cognato da una delle femmine di esso primo stipite da me come sopra costituito .........";

Illi "ex concessis" l-attur hu maskju minn femmina, u intant għad hemm jeżistu—fosthom il-konvenut Markiż James Cassar Desain—maski anjati dixxendenti in linja retta minn hu l-fundatur, jiġifieri dixxendenti mit-terzoġenito Filippo Testaferrata Viani. It-termini tal-fundazzjoni fuq riportati jeskludu t-transitu għal suċċessjoni oħra sakemm il-progress jista' jitkompla fil-linja prediletta, dik ċjoè tal-maski anjatiċi dixxendenti in linja retta minn hu l-fundatur;

**Ikkunsidrat;**

Illi għalhekk l-attur, dixxendenti tal-primoġenitu ta' hu l-fundatur, iżda mhux "de mare in marem", imma "ex foemina", ma jistax jippretendi li jissuċċiedi dment li għadhom jeżistu (sija pure fil-linja terzoġenita) maski anjati dixxendenti in linja retta minn hu l-fundatur; għaliex il-maski konjati, skond il-fundazzjoni, huma appellati b'mod sussidjarju, ossija, kif jingħad, kondizzjonatament, jiġifieri "wara" li tkun "estin-

ta' tutta la discendenza (tkun f'liema linja tkun) mascolina agnatizia del predetto Mario mio fratello...........";

Illi konsegwentement l-attur ma hux korrett meta jgħid illi hu għandu jirbaħ għaliex jiddixendi mill-primoġenitu ta' hu l-fundatur, mentri ħadd ieħor jiddixxendi mit-terzoġenito. Kien jkollu raġun l-attur jinvoka l-prerogativa tal-linja kieku t-termini tal-fundazzjoni ma kienux ivarjaw ir-regola tal-primoġenituri "juris" li s-suċċessjoni għandha tkun diretta l-ewwelnett mill-linja. Imma fil-fatt dawn it-termini qegħdin ivarjaw dik ir-regola fis-sens li l-kwalità tal-maskolinità u l-anjazzjoni, basta li min hu rivestit biha jkun dixxendenti dirett ta' ħu l-fundatur, tirbaħ kwalunkwe konsiderazzjoni ta' linja primoġenjali jew ultraġenjali;

**Ikkunsidrat;**

Illi għalhekk, ġa ladarba din ma hix primoġenitura regolari, għaliex fiha hemm devjazzjoni mir-regoli, bħal meta, kif jgħid il-Bonfinio, Decis. 110, no. 11, "requiritur certa qualitas, praecipua et propria, utpote masculinitatis, agnationis, vel aliud simile..............", għandha tiġi mħarsa r-regola, dettata mill-fidekommittent, illi l-maskju "per medium foeminae", jiġifieri l-maskju konjato, ma għandux jidħol ħlief wara l-estinzjoni tad-dixxendenza maskolina anjatizja ta' ħu l-fidekommittent, indipendentement miċ-ċirkustanza illi dan il-maskju "cognato" jista' jkun fil-linja primoġenjali u l-maskju "agnato" f'linja ultraġenita, jew il-maskju "cognato" jkun fi grad prossimjuri u l-maskju anjatiku fi grad remozjuri. Infatti l-kwalità prediletta mill-fundatur, u preferita (u f'dan is-sens il-primoġenitura hija impropria jew irregolari) għall-linja u għall-grad, hi l-kwalità tal-maskolinità akkoppjata għall-anjazzjoni. Il-kwalità tal-linja primoġenjali ġiet, hu veru, imsemmija fit-testment "de quo", imma riferibilment dejjem għall-ingress u progress tas-suċċessjoni fil-linja maskja anjatika. Jiġifieri t-testatur ried, kif qal, illi l-primoġenitura tkun "juris" bl-osservanza talprerogativa tal-linja, imma, kif jidher ċar mill-kontest kollu ta' l-erezzjoni, fl-ingress tas-suċċessjoni u fil-progress tagħha fil-linja tal-primoġenitu li jkun però maskju anjatiku. Malli jkun hemm din il-kwalità tal-maskolinità u ta' l-anjazzjoni, issuċċessjoni tkun regolari, fis-sens illi jkun preferit il-primoġenitu, li jikkostitwixxi l-linja tiegħu, b'mod illi jissuċċiedi wa-

rajh il-primoġenitu tiegħu, u s-suċċessjoni ma toħroġx minn dik il-linja, minn primoġenitu għal primoġenitu, sakemm però si tratta ta' maski anjatiċi. Għalhekk it-testatur kompla jgħid illi "mancando poi la linea agnatizia dei primogenito, vada la predetta primogenitura al secondogenito e suoi figli e discendenti legittimi e naturali, maschi da maschio, da primogenito in primogenito..........." B'daqshekk ġiet ribadita s-supremazija tal-kwalità dupliċi tal-maskolinità u ta' l-anjazzjoni, għaliex it-testatur ried li tiġi abbandunata l-linja tal-primoġenitu, u li tispiċċa "pro tanto" il-prerogativa tal-linja, malli jispiċċaw fil-linja tal-primoġenitu l-maski anjatiċi, u ried li s-suċċessjoni tmur fil-linja tas-sekondoġenitu, jekk fiha hemm maski anjati; u soddisfatta din il-kondizzjoni, allura fil-linja tas-sekondoġenitu terġa' sseħħ is-suċċessjoni minn primoġenitu għal primoġenitu;

**Ikkunsidrat ;**

Illi għalhekk, meħud bħala bażi fondamentali u ineluttabili l-ordni tat-testatur illi l-maski "per medium *foeminae*" jissuċċiedu unikament meta ma jkunx hemm aktar maski anjatiċi, fi kwalunkwe linja dawn ikunu, primoġenjali jew ultraġenjali, basta jkunu dixxendenti f'linja retta minn hu l-fundatur, għall-pretensjoni ta' l-attur, "rebus sic stantibus" almenu, hemm l-ostakolu li għadhom jeżistu maski anjatiċi dixxendenti f'linja retta minn hu l-fundatur, jiġifieri l-Markiż James Cassar Desain u wliedu, imsejħin "actu" jew "habitu". Imma ma jistax jingħad li l-linja tal-maski anjati hija estinta, meta għad hemm vokati *bil-kwalità* ordnata *mill-fidekommittent*, *kif, f'każ* analogu, fejn kienu msejħin in-nisa wara li jmutu l-irġiel, ġie mgħallem minn Deċiżjoni Rotali, kunsidrata maġistrali, no. 183, p. 10, rec.......... "sed eos vocavit per substitutionem conceptam in tempus remotissimum, et post penitus extinctam lineam masculorum.......... cum enim nomen lineae sit nomen collectivum, cum non possit dici linea masculina finita ante mortem ultimi";

**Ikkunsidrat ;**

*Illi l-attur, fil-ħsieb li jissupera dan l-ostakolu, ġieb il-quddiem* deduzzjonijiet oħra; jiġifieri :—

1. Illi l-Markiż James Cassar Desain ma jistax jissuċċiedi f'din il-primoġenitura, għaliex fiha hemm impost li jinġieb

il-kunjom Testaferrata, mentri l-istess Markiż Desain assuma ġa, kwantu għall-kunjom, l-impenn rikordat fin-nota li tagħha hemm kopja fol. 64 ta' dan il-proċess;

2. Id-divjet ta' l-unjoni, f'persuna waħda, ta' żewġ primoġenituri Testaferrata u Viani, allegat mill-attur li ġie mpost fit-testment li tiegħu hemm kopja fol. 96, u l-ieħor li tiegħu hemm kopja fol. 99;

3. Illi wieħed mill-antenati tal-Markiż Desain kien (kif jippretendi l-attur) leġittimat "per subsequens matrimonium";

4. Illi tant l-allegat ostakolu tal-kunjom, kemm dak talpretiża "tabe" ta' l-illeġittimità ta' l-antenat, taffetta anki d-drittijiet ta' wlied il-Markiż Desain;

Illi dawn id-deduzzjonijiet kienu, kieku, jifthu lok għal diversi kwistjonijiet oħra, bħal, per eżempju, dik jekk, kwantu għall-kunjom Testaferrata, il-klawsola kontenenti l-ordni relativ hijex riferibili biss għall-maski konjati u għall-"femmine" kjamati "in subsidium"; dik jekk id-dispożizzjonijiet testamentarji fol. 96 u 99 kienux skond u fil-limiti tal-fakoltà mogħtijin mill-fundatur; dik dwar il-vera portata tad-dikjarazzjoni dwar kunjomu, magħmula mill-Markiż Desain fol. 64, vis-a-vis issuċċessjoni f'din il-primoġenitura; dik dwar jekk, u fil-każ liema konsegwenzi jista' jkollhom il-fatti implikanti, skond l-attur, rinunzja għal din il-primoġenitura, allegati magħmula minn vokati preċedenti fil-linja terzoġenita, fuq il-kapaċità li jissuċċiedu l-vokati suċċessivi fl-istess linja "actu" jew "habitu";

Illi però din il-Qorti ma tistax tgħaddi biex tiddeċidi l-erba' deduzzjonijiet prinċipali ta' l-attur fuq elenkati, u l-kwistjonijiet konsegwenzjali, sija għaliex jonqos il-kontradittur leġittimu, kif ukoll minħabba illi d-domandi fil-libell ma humiex formulati b'mod li jistgħu jiġu deċiżi dawk il-kwistjonijiet. Infatti, kwantu għaż-żewġ konvenuti, il-konvenut Cachia Zammit jinsab imħarrek bħala amministratur tal-primoġenitura, u huwa ċar li bħala tali ma hux kontradittur leġittimu għal kwistjonijiet ta' dik ix-xorta, li jmissu l-meritu tal-pregradwazzjoni għall-primoġenitura; u l-konvenut Markiż Desain, li skond l-arblu fol. 41 hu l-anjat maskju primoġenitu eżistenti, ma hux imħarrek f'ismu, imma bħala li jirrappreżenta l-vokati eventwali, mentri biex jistgħu jiġu leġittimament kontestati l-

pretensjonijiet ta' l-attur fis-sens illi l-Markiż Desain, non ostanti li hu maskju anjatiku primoġenitu dixxendenti f'linja retta minn ħu l-fundatur, ma hux intitolat għas-suċċessjoni filprimoġenitura għaliex, kif jippretendi l-attur, ma jistax junixxi fil-persuna tiegħu ż-żewġ primoġenituri, din u dik li għandu, partikolarment minħabba l-obligu tal-kunjom, jew għaliex f'wieħed mill-antenati l-attur jgħid li hemm it-"tabe' ta' l-illeġittimità, kien hemm bżonn li l-Markiż Desain ikun "ab initio" mħarrek f'ismu proprju;

Kwantu għat-termini tat-talbiet fil-libell, dawn jirriduċu ruħhom għat-talba ta' rendikont ta' l-amministrazzjoni u rilaxx tal-primoġenitura kontra l-amministratur Cachia Zammit, b'dikjarazzjoni nċidentali, fit-tieni talba, li l-attur hu l-unika persuna leġittimament intitolata għas-suċċessjoni fil-primoġenitura. L-attur ma assumiex illi normalment il-vokat hu l-maskju anjatiku primoġenitu fid-dixxendenza retta ta' ħu l-fundatur, u mbagħad fuq dan l-assunt jifformula t-talbiet b'mod li jadattaw ruħhom għall-pretensjoni tiegħu illi l-Markiż Desain ma għandux il-kapaċità li jissuċċiedi, jew iddekada minn dak iddritt, u b'hekk investa l-Qorti bil-kwistjonijiet relativi. Lanqas tista' f'dan il-każ tiġi sfurzata r-regola "per equipollens"; u fi kwalunkwe każ hemm dejjem l-ostakolu tan-nuqqas tal-kontradittur leġittimu;

**Ikkunsidrat**;

Illi għalhekk, "rebus sic stantibus", ġa ladarba għad ma hijiex estinta l-linja tal-maski anjati dixxendenti f'linja retta minn ħu l-fundatur, għad ma hemmx lok, skond il-fundazzjoni, li għandha tiġi osservata "ad unguem", għat-transitu tal-primoġenitura "de qua", li hi saltwarja, u mhux regolari, fuq ilmaski konjati, mentri l-attur hu "maschio cognato"; salvi talvolta konsiderazzjonijiet oħra fuq proċeduri, diversament regolati, jekk kemm il-darba "ex loco et tempore" jkun hemm lokhom;

Ikkunsidrat dwar il-kap ta' l-ispejjeż;

Illi min jallega, kif għamel l-attur, li hu vokat għall-primoġenitura, għandu l-obligu li jipprova konkjudentement l-assunt tiegħu (ara Peregin, De Fideicom., art. 32, no. 33 in fine). L-attur dan ma għamlux. Minbarra hekk, mhux talli fil-libell hemm duplikazzjoni inutili ta' domandi, imma kien ikun pru-

denti illi l-attur għall-ewwel jillimita ruħu għall-konstatazzjoni ġudizzjarja tal-pretensjoni tiegħu fil-meritu tas-suċċessjoni għall-primoġenitura, qabel ma jintavola d-domandi famulativi tar-rendikont u r-rilaxx tal-beni tal-primoġenitura. Jiżdied ukoll illi l-fatt, mhux dubbju, illi l-vokazzjoni prediletta kienet dik tal-maski anjatiċi, u l-fatt l-ieħor li għadhom jeżistu l-vokati tal-kwalità hekk prediletta, kien imisshom issuġġerew orjentament divers tad-domanda, apparti l-fondatezza tagħha;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi d-domandi kontenuti fil-libell; bl-ispejjeż kontra l-attur.